**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Lulju 2001.**

**Numru 2**

**Avviz numru 315/01**

**The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra, kif lokalment rappresentata hawn Malta mill-agenti taghha Dingli Co. International Limited**

**vs**

**Hidra Catering Establishment Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' hamsin Liri Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm50.39) kwantu ghal tlieta w erbghin Liri Maltin u tnejn w tmenin centezmi (Lm43.82c) Royalty u sitt Liri u seba' u hamsin centezmi (Lm6.57c) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 010745 (Dok "A") rilaxxjata mis-Socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbilment Terra Nova Restaurant ghall-perjodu mis-6 ta' Dicembru, 2000, sal-5 ta' Dicembru, 2001.

Is-Socjeta attrici talbet ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummerjcali dovuti fuq is-somma mtiluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-

ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Frar 2001, kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil PL Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**